MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 388/2004

**Emanuel Sammut ID Nru 213154(M) u**
**Alessio Vella ID Nru 814950(M)**

**vs**

**Kunsill Lokali Mosta**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi Emanuel Sammut u Alessio Vella fis-26 ta’ Mejju, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma proprjetarji ta' porzjon art li taghti ghal fuq Main Street, Mosta, liema porzjon art hija intiza ghall-izvilupp; u

Illi l-atturi ghandhom il-hsieb li jizviluppaw din l-art b'tali mod li jhaffru
sabiex jigu mibnija garaxxijiet taht il-livell tat-triq, u bini iehor 'l fuq mil-livell tat-triq; u

Illi l-Kunsill konvenut inkariga persuni sabiex jezegwixxu xoghlijiet konsistenti fil-mghoddija ta' katusa, intiza specifikatament sabiex tilqa' l-ilma tax-xita, liema katusa ser tinghadda mill-proprjeta' ossia porzjon art proprjeta' tal-atturi, bil-konsegwenza illi ladarba jkun hemm din il-katusa, din il-porzjon art ma tkunx tista' tigi zviluppata fil-livell taht l-art; u

Illi din il-katusa kienet ser tkun mghoddija minn lok iehor, ossia minn passagg gia ezistenti, minghajr ma jinholoq dan il-pregudizzju ghall-atturi, izda l-Kunsill konvenut iddecida li jghaddi l-katusa minn fuq il-porzjon art proprjeta' tal-atturi, u ghalhekk l-atturi kienu kostretti jikkawtelaw id-drittijiet taghhom; u

IIli ghalkemm il-Kunsill konvenut gie interpenat sabiex jieqaf milli jkompli ijezegwixxi dawn ix-xoghlijiet, baqa' inadempjenti; u

Illi l-atturi talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru ta' referenza 871/2004 fl-ismijiet premessi, liema mandat gie milqugh fis-17 ta' : Mejju 2004;

Talbu ghalhekk li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara illi x-xoghlijiet li qed jigu ezegwiti fuq inkarigu tal-Kunsill konvenut, konsistenti fil-mghoddija ta' katusa li tilqa' l-ilma tax-xita, m'ghandhomx jigu ezegwiti minn fuq il-porzjon art proprjeta' tal-atturi konfinanti ma' Main Street, Mosta, u dan peress illi ser jinholoq pregudizzju ghall-atturi, li mhux ser ikunu jistghu jizviluppaw din il-porzjon art;
2. Konsegwentement, tordna illi l-Kunsill konvenut jirriprestina ghall-istat originali taghha, il-porzjon art proprjeta' tal-attur konfinanti ma' Main Street, Mosta, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi;

3. Fin-nuqqas li l-Kunsill konvenut jaghmel ix-xoghlijiet rimedjali kif ordnat, tawtorizza lill-atturi jezegwixxu huma stess ix-xoghlijiet rimedjali mehtiega a spejjez tal-konvenut;

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru ta' referenza 871/04, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kunsill konvenut, li in forza taghha huwa eccepixxa :

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi, u dan ghar-ragunijiet segwenti :

1. Preliminarjament, il-kawza hija monka, irrita u kwindi nulla, stante li ma tinkludix talba ghall-inibizzjoni definittiv tax-xogholijiet da parti tal-kunsill, li minghajrha l-kawza odjerna ma tistax tirnexxi, in kwantu hija bazata appuntu fuq il-mandat ta' inbizzjoni numru 871/04;
2. Illi ukoll in linea preliminari, il-gudizzju mhuwiex integru, stante li x-xogholijiet qed isiru bis-sahha tas-servitu' impost fuq l-art de quo mill-awtoritajiet kompetenti, u ghalhekk semmai dawn messhom gew imharrka wkoll;
3. Illi fil-mertu, u minghajr pregjudizzju ghas-suespost, mhuwiex minnu li l-atturi ser ibatu l-pregjudizzju lmentat kagun tax-xogholijiet progettati;
4. Illi inoltre x-xogholijiet progettati huma mehtiega ghal skop pubbliku, u di piu' huma legalment u regolarment koperti bl-awtorizzazzjoni opportuna, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
5. IIli inoltre l-art de quo hija soggetta ghal dritt ta' taht wicc l-art, kif ser jirrizulta waqt il-kors tal-kawza, u li x-xogholijiet in kwistjoni qed isiru appuntu bis-sahha ta' tali jedd;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-Kunsill konvenut;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-kunsill konvenut, li in forza taghha huwa eccepixxa :

1. L-intempestivita' tat-tieni u t-tielet talbiet attrici;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta’ Ottubru 2004 li permezz tieghu hatret lil Perit Godwin Abela bhala espert tekniku bis-soliti fakultajiet u hatret ukoll lil Dr Audrey Gatt bhala perit legali biex tassisti lill-espert tekniku;

Rat id-digriet taghha tat- 28 ta’ Jannar 2005 li permezz tieghu issospendiet l-inkarigu tal-periti gudizzjarji minnha innominati;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Marzu 2005 li permezz tieghu ordnat lill-periti gudizzjarji sabiex ikomplu bil-perizja u jistabilixxu jekk hemmx alternattiva li l-pajpijiet ta’ l-ilma jghaddu mill-art;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-kunsill konvenut;

Rat ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji, minnhom ipprezentata u kkonfermata bil-gurament waqt is-seduta tas-7 ta’ Lulju 2005;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi l-atturi irrilevaw fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghhom tal-2 ta’ Frar 2009 illi ma kienux qeghdin jinsistu fuq it-tieni

u t-tielet talbiet taghhom. Ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-imsemmija talbiet.

Illi jibqa ghalhekk illi l-Qorti tikkunsidra l-ewwel talba attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-Kunsill konvenut.

Ikkunsidrat :

Illi l-periti gudizzjarji wara li zammew access fuq il-post in kwistjoni ikkonstataw illi x-xogholijiet progettati mill-Kunsill Lokali tal-Mosta ma kienux saru.

Illi l-periti gudizzjarji zammew ukoll seduta li fiha xehed il-Perit Etienne Magri illi gie moghti l-inkarigu mill-Kunsill Lokali tal-Mosta sabiex ittejjeb l-efficcjenza tas-sistema prezenti ta' l-"istorm water".

Illi l-Perit Magri xehed illi wara li kien ghamel studju tal-post kien wasal ghall-konkluzjoni li l-aktar punt vijabbbli minn fejn jghaddi l-pajpijiet kienet l-art tal-atturi, peress li din tipprovdi linja dritta minn Triq il-Kbira u twassal ghal wied, li hu l-point of discharge, bl-aktar mod dirett u efficcjenti. Meta gie mistoqsi mill-perit tekniku jekk kienx possibbli li jinqabad l-ilma aktar 'il fuq fil-bidu ta' Triq il-Kbira, u cioe' qabel ma l-ilma jibda jigri fl-istess triq, il-Perit Magri xehed li l-alternattiva kienet tfisser linja ta' pajpijiet itwal li kien jinvolvi ferm aktar spejjez li jaghmlu l-progett mhux vijabbli finanzjarjament.

Illi il-periti gudizzjarji waslu ghas-segwenti konkluzzjoni :

1. Illi zewg pajpijiet tal-ilma ta' qis ta' 400 millimetru dijametru kull wiehed jirrapprezentaw ostaklu jekk jigu mghoddija mill-propjeta tal-atturi u jistghu jippregudikaw zvilupp futur li jista jsir fuq tali proprjeta.
2. Illi bhal fi kwalsijasi problema ta' natura teknika, is-soluzzjonijiet huma aktar minn wahda u f'dan il-kaz ukoll tezisti l-alternattiva kif spjega il-perit Magri li pero' tfisser li l-Kunsill ikollu spiza akbar biex jaddotta r-rotta alternattiva.

Illi l-Qorti tiddikjara illi taqbel mal-konkluzjonijiet illi ghalihom waslu l-periti gudizzjarji minnha mahtura u ghaldaqstant taddotta l-imsemmija relazzjoni u taghmilha bhala taghha.

Ikkunsidrat :

Illi gie prodott u esebit f'dawn l-atti kopja legali tal-Mandat ta' Inibizzjoni 871/2004 illi permezz tieghu il-Kunsill Lokali tal-Mosta gie inibit milli jhaffer u jizviluppa art proprjeta ta' l-atturi; liema zvilupp jikkonsisti fil-mghoddija ta' katusi tas-servizzi, u cioe' katusa mill-proprjeta ta' l-atturi, bil-konsegwenza li l-istess atturi mhux ser ikunu jistghu jizviluppaw din il-porzjoni art.

Ikkunsidrat :

Illi giet esebita kopja tal-Proklama tal-President ta' Malta tat-13 ta' April, 2004 li permezz taghha, bl-Artikolu 4 tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta, il-President ta' Malta iddikjara illi l-proprjeta ta' l-atturi mertu ta' din il-kawza hija suggetta ghal dritt ta' taht wicc l-art.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Giovanni Bonnici, il-kuntrattur illi f'Mejju tal-2004 kien ser jibda xi xogholijiet tal-main tal-katusa il-kbira fil-Mosta fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Ix-xhud qal illi kienu ser jidhlu bil-katusa fuq il-proprjeta ta' l-atturi u kienu diga ghamlu l-katusa, izda l-attur kien waqfu milli jaghmel hekk u sussegwentement kien sar mandat ta' inibizzjoni. Izda x-xhud xehed li ma kien jaf xejn dwar il-mandat ta' inibizzjoni u huwa waqaf mix-xoghol ghaliex hekk qallu biex jaghmel il-Kunsill Lokali tal-Mosta.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 88 jaghti definizzjoni ta' "jedd ta' taht wicc l-art" kif ukoll ta' "skop pubbliku".

Illi l-Artikolu 4 ta' l-istess Kapitolu 88 tirreferi ghad-Dikjarazzjoni tal-President ghal jedd ta' taht wicc l-art bhal

fil-kaz odjern u l-Artikolu 6 ta' l-istess Kapitolu 88 jghid li hadd ma jista jitlob prova ohra tal-iskop pubbliku minbarra d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill konvenut l-Artikolu 843 tal-Kap 12 jghid illi r-rikorrenti ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat: u l-artikolu 876A tal-Kap 12 li jitratta il-mandati ta' inibizzjoni jghid illi l-Artikolu 843 tal-Kap 12 jghodd ghal mandat ta' inibizzjoni.

Illi ghalhekk il-Qorti trid tara jekk dak il-jedd, u cioe t-talba tal-atturi li giet milqugha fil-mandat ta' inibizzjoni, hijiex riflessa fic-citazzjoni.

Illi minn ezami ta' l-ewwel talba tal-atturi u l-jedd imsemmi fil-mandat ta' inibizzjoni, minkejja il-fatt illi il-kliem uzat mhuwiex identiku it-tifsira hija l-istess u ghalhekk ma jistax jinghad illi ic-citazzjoni hija nulla, u ghaldaqstant il-Qorti tirrispingi din l-ewwel eccezzjoni.

Illi l-Qorti rat ir-raba u l-hames eccezzjonijiet tal-Kunsill konvenut fis-sens illi x-xogholijiet huma mehtiega ghal skop pubbliku u di piu huma legalment u regolarment koperti bl-awtorizzazzjoni opportuna, kif ukoll illi l-art de quo hija soggetta ghal dritt ta' taht wicc l-art u x-xogholijiet in kwistjoni qed isiru appuntu bis-sahha ta' tali jedd.

Illi effettivament, kif diga intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, il-proprjeta tal-atturi giet dikjarata li hija suggetta ghall-dritt ta' taht wicc l-art u dana proprju sabiex ikunu jistghu isiru x-xogholijiet in kwistjoni.  Id-Dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika harget fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' April 2004.

Illi ghalhekk il-Qorti tara li ghandha <u>tilqa</u> ir-raba u il-hames eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali konvenut u tara illi l-atturi ma ghandhomx dritt jghidu illi x-xogholijiet ma jistghux jigu ezegwiti minn fuq il-proprjeta taghhom u konsegwentement l-ewwel talba attrici ghandha tigi

michuda. Id-Dikjarazzjoni tal-President harget fl-interess pubbliku kif jiddisponi il-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi una volta harget id-Dikjarazzjoni tal-President l-atturi ma jistghux jopponu ruhhom kontra x-xogholijiet.

Illi l-atturi ma ghamlu xejn sabiex jikkontestaw id-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta u ghalhekk il-Qorti ma tista bl-ebda mod tilqa l-ewwel talba attrici.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa ir-raba u l-hames eccezzjonijiet tal-Kunsill konvenut u konsegwentement tichad l-ewwel talba attrici, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici stante illi l-istess atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom tal-5 ta' Frar, 2009 iddikjaraw li ma kienux qeghdin jinsistu ghal dawn it-talbiet.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------